**Fil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**

**Magistrat Dr.Noel Cuschieri LLD Mag.Jur. (Euro. Law)**

***Drogi 183/00***

***Pulizija***
***Sp. Paul Camilleri***
***v***
***Christian Zahra***
***Spiridine D'Amato***

Illum 29 ta' Jannar 2001

Il-Qorti,
Rat – Semghet – Ikkunsidrat:-

Illi l-akkuza dedotta kontra l-imputat hija bazata fuq ir-reat ta' **Pussess Illegali** tad-droga **eroina** *fix-xhur ta' Jannar u Frar 2000 u fix-xhur ta' qabel*; **Serq** kontemplat fl-Artikolu 284 Kap.9 u fil-konfront ta' Spriridione D'Amato, **Recidivita'**.

Illi l-imputati ammettew l-akkuzi dedotti kontra taghhom, u ghaldaqstant dawn jinsabu sodisfacentement provata skond il-ligi.

In propositu ghal piena il-Qorti hadet in konsiderazzjoni l-fedina penali tieghu, u jidhrilha li f' dan il-kaz ghandha tpoggi lill-imputat Spiridione D' Amato that is-supervizjoni ta' ufficjal tal-probation ghal perijodu adegwat; u lill-imputat l-iehor Christian Zahra takkordalu l-liberta' kondizzjonata.

Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi ssib lill-imputat Spiridione D' Amato hati skond l-akkuza ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39, l-Artikoli 49 u 50 u 284 Kap.9 ; izda minflok imposizjoni ta' piena qed tpoggi lill-istess imputat that ***is-sorveljanza tal-ufficjal tal-probation Joanne Battistino ghal zmien sentejn*** bil-obbligu li l-istess imputat joqghod ghall-kondizzjonijiet kollha

indikati fl-Ordni tal-Probation annessa ma dan il-gudizzju markata dokument PO u formanti parti integrali tal-istess; ssib lill-imputat Christian Zahra hati skond l-akkuza ai termini tar-regolament 8 tal-GN 292/39 u 284 Kap.9 tillibera lill-imputat Christian Zahra ***bil-kondizzjoni li ma jghamilx reat iehor fi zmien sena a tenur tal-Artikolu 9 tal-Kap.152***.

Il-Qorti spjegat lill-imputati f' termini cari s-sinifikat u l-portata tal-imsemmija provvedimenti.

In fine tordna d-destruzzjoni tad-droga esebita a kura tal-Ispizjar Mario Mifsud li qed jigi nominat espert ghal dan l-iskop.

***Dr.Noel Cuschieri***
***Magistrat***